MALTA

# BORD LI JIKKONTROLLA L-KIRI TAR-RABA MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 8/1999/1

**Josephine mart George Mizzi**

**vs**

**Dolores armla ta' Emanuel Caruana**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, wara li ppremettiet illi hi tikri lill-intimata l-ghalqa maghrufa bhala 'tas-Satal" jew "ta' Wied Glavan" limiti Xghajra u dan versu l-qbiela ta' tliet liri Maltin (Lm3) fis-sena jithallas kull Santa Marija bil-quddiem prossima skadenza fil-15 ta' Awissu 1999;

Illi l-intimata kisret il-kondizzonijiet tal-kirja billi mhux qed tiehu kura tal-istess ghalqa, ma tikkoltivahiex u ma zzommhiex bid-debiti ripari u manutenzjoni;

Illi inoltre l-istess raba mhux fonti importanti ghall-ghixien tal-intimata;

L-esponenti talbet bir-rispett sabiex dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi pussess tar-raba de quo u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jiffissa ghal dan l-iskop prevja okkorrendo kull dritt ghall-kumpens tal-benefikati talvolta dovuta lill-intimata skond il-ligi. Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-intimata (a fol 4 tal-atti) u li biha esponiet bir-rispett:

1. Preliminarjament in-nullita tar-rikors stante li gie prezentat tardivament u cioe ma giex prezentat tlett xhur qabel id-data li fiha taghlaq il-kirja.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, hi tirribati bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti u cioe li hi mhux qed tiehu kura ta' l-istess ghalqa, mhux qed tikkoltivaha u mhux qed izzommha bid-debiti riparti u manutenzjoni. Il-fatti juru mod iehor kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni.

3. Fit-tielet lok u minghajr l-ebda pregudizzju ghas-suespost, il-prodott li jittiehed mill-ghalqa huwa fonti importanti ta' ghixien taghha u tal-familja taghha.

4. Ghaldaqstant l-esponenti intimata titlob bir-rispett illi t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Sema' t-trattazzjoni.

Ikkunsidra

Illi, in konnessjoni ma dak espost preliminarjament, fir-risposta tal-intimata, din qed tikkontendi li r-rikors, in desamina, hu null ghax gie presentat tardivament fis-sens li ma giex presentat tlett xhur qabel l-gheluq tal-kirja. Hu minnu li din l-eccezzjoni ma gietx konsiderata mill-partijiet involuti f'dan il-kaz, waqt it-trattazzjoni tieghu. Difatti, kif jidher mill-istess atti:-

a) Instemghu x-xhieda u gew esebiti d-dokumenti rilevanti ghall-meritu ta’ dan il-kaz. Inoltre t-trattazzjoni saret mill-partijiet, limitatament ghall-istess meritu.

b) Pero’ l-istess eccezzjoni ma gietx rinunzjata mill-intimata u ghalhekk, essendo ta’ natura preliminari ser tigi decisa f’dan l-istadju, l-istess eccezzjoni.

Ikkunsidra

Illi l-azzjoni in desamina hi fondata, kif jidher mill-kawzali specifikati fl-istess rikors, fuq l-artikolu 4 (1) u (2) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hawnhekk hemm stipulat li l-procedura li ghandha tintuza f’kazijiet bhala danni hija “…. rikors …. u jigi presentat mhux aktar tard minn tlett xhur qabel id-data li fiha taghlaq il-kirja”.

Ikkunsidra

Illi r-rikors in esami, kif jidher a fol 1 tal-atti, gie presentat fil-21 ta’ Mejju 1999 waqt li l-iskadenza “prossima” ta’ kera kienet taghlaq fil-15 ta’ Awissu 1999.

Illi ghalhekk jidher evidenti li dan ir-rikors ma giex presentat skond kif trid il-ligi izda “entro” it-tlett xhur hawn fuq specifikati.

Ikkunsidra

Illi tali terminu jidher li hu perentorju u tassattiv, u ma jidhirx li l-Bord ghandu xi fakolta li, b’xi mod, jestendi jew jnaqqsu jew b’xi mod jvarjah.

Illi ghalhekk jidher li din l-eccezzjoni preliminari ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-istess eccezzjoni preliminari u jillibera lill-intimata mill-osservanza tal-gudizzjoni; Bl-ispejjes jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja

Dep.Reg